MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-14 ta' April, 2008

Avviz Numru. 969/2001/1

**Bitmac Limited**

**Vs**

**Charles Dimech u Josephine Dimech**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenuti jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ Lm3699.34 (tlett elef sitt mija u disa u disghin Lira Maltin u erba u tletin centezmu) rapprezentanti prezz ta’ fornituri u xogholjiet maghmula mis-socjeta’ attrici fuq inkarigu tal-intimati u minnhom mhux imhallsa.

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tax-xogholijiet kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonjiet tal-konvenuti (fol 9 tal-atti) u li biha eccepew bir-rispett:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u l-konvenuti m'ghandhom jaghtu xejn lis-socjeta' attrici;
2. Illi l-azzjoni ghal parti mill-ammont pretiz, kif ser jirrizulta, hija preskritta a tenur ta' l-artiklu 2156(f) tal-Kap 16, jew alternattivament a tenur ta l-artikolu 2148(a) tal-Kap 16;
3. Illi kwantu ghall-ammont l-iehor dan mhux dovut mill-konvenuti izda kif jidher mid-dokumenti li ghandhom l-istess atturi minn terza persuna u cioe' il-Perit John Rizzo Naudi;
4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat is-sentenza Taghha preliminari a fol 37 et seq ibid.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi din is-sentenza, li ser tiddeciedi l-meritu ta' din l-kawza, ser tesamina, f'dan l-istadju, l-ewwel (1) u t-tielet (3) eccezzjonijiet sottomessi mill-konvenuti liema eccezzjonijiet effettivament jinvolvu l-kwistjoni dwar <u>min ghamel l-ordni relattiva u, ghalhekk min minn hu dovut l-ammont mitlub fl-avviz</u>. In konnessjoni ma dan il-punt, <u>Hector Camilleri</u> (fol15 u fol 25 et seq ibid) sostna f'isem is-socjeta attrici, esebixxa <u>dokument</u> (fol 21 ibid) <u>iffirmat minnu u minn Charles Dimech</u> u li hu l-<u>ftehim</u> bejn is-socjeta attrici dwar fornitura ta' "Hot asphalt" skond ir-rata hemm miftehma. Inoltre a fol 19 hemm iehor li jirreferi ghax-xoghol esegwit b'ircevuta annessa mieghu minn fejn jidher li Charles Dimech, hallas Lm400 "on a/c supply H. Asph" b'numru ta' telefon miktub (464020). Jigi rilevat illi x-xhud, mitlub sabiex jghid jekk setax jaghraf lil "Charles Dimech" bhala l-konvenut presenti fl-awla xehed testwalment "… peress li ghadda z-zmien ma' nistax nghid li qed jaghrfu". Dokument iehor esebit hi "provisory note" li permezz taghha Charles Dimech kien obbliga ruhu li jhallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta' Lm1,400 fl-ewwel (1) ta' April 1991.

Sussegwentement, meta kien gie imkejjel ix-xoghol kompletat instab li l-kont attwali kien aktar gholi minn dak miftiehem u l-kont kien intbaghat lill-Charles Dimech. Hawnhekk ix-xhud, wara li qal dak kollu premess, spjega li dak li xehed fuqu kien in rigward xoghol antik u mhux involut f'dan il-kaz. Difatti dwar il-kaz in esami, matul l-1999, kien gie ghand is-socjeta attrici, l-Perit u Arkitett John Rizzo Naudi u dan "… ghamel din it-talba ghal xoghol f'isem klijent tieghu". Kien l-istess Perit li spjega x'tip ta' xoghol kien involut u li sema illi l-klijent tieghu kien Charles Dimech. Meta sar jaf b'dan ix-xhud kien irrimarka illi s-socjeta attrici kienet "… diga migdumin" minn Charles Dimech u wara li esprima d-dubbju tieghu dwar hlas da parti tal-istess Dimech, jidher li l-Perit involut kien serrahlu mohhu dwar dan. Wara li x-xhud spjega illi ma kienx hemm ftehim bil-miktub bhal fil-kaz precedenti li ssemma aktar il-fuq, l-istess xoghol, konsistenti fi tqaxxir ta' trinka u, l-gholi ta' "hot asphalt", gie esegwit, ix-xhud spjega li kein gie informat li l-istess trinka kienet saret fuq inkarigu tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma u wara li x-xoghol gie mkejjel kien intbaghat il-kont kif "… qalilna biex naghmlu l-istess Perit". Difatti l-kont kellu jintbaghat lil dan il-Perit "on behalf of Charles Dimech" kif jidher mid-dokument a fol 22 ibid. Inoltre l-istess Perit kien semma li kien hemm problemi dwar trinek ohrajn u ghalhekk, fuq dawn kienu saru "tests" mis-socjeta attrici u l-kont kien intbaghat lill-istess Perit izda personalment (ara fol 23 ibid).

Hawnhekk hu irrileva illi "… ahna qed nitolbu l-ammont kollu dovut mill-konvenut kemm in rigward l-ewwel ftehim kemm in rigward it-tieni ftehim (ara, izda "supra").

Jigi rilevat ukoll illi dan ix-xhud, kontrarjament ghal dak risultanti mill-ahhar zewg dokumenti, imsemmija, kien qal illi l-ewwel kienet inharget il-fattura "… tas-Lm60", dan bl-ebda mod risultanti mill-kontijiet imsemmija.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-kaz in desamina qed jigu rilevati s-segwenti punti:-

a) Permezz tas-sentenza preliminari hawn fuq imsemmija (ara fol 37 et seq ibid), din il-Qorti kienet laqghet “in parte” it-tieni (2) eccezzjoni u difatti din l-azzjoni kienet giet dikjarata preskritta “in parte” ghar-ragjunijiet hemm premessi u giet ordnata li l-istess azzjoni titkompla limitatament ghall-ammont ta’ Lm1272.0,0.
b) Fl-istess sentenza, jinghad illi din l-eccezzjoni giet akkolta “.. f’dak li jirrigwarda il-prezz ta’ “xoghol ordnat antik” u limitatament ghal dan biss.
c) Dwar min ordna l-fornituri u xogholijiet in ezami, il-Qorti kienet tistenna illi l-konvenut jixhed dwar dak allegat minnu fit-tielet (3) eccezzjoni kif ukoll li hu jesebixxi d-dokumenti fil-pussess tal-konvenuti msemmijin fl-istess eccezzjoni. Izda dan ma avverax ruhu, kif jidher mill-atti tal-kawza.
d) Il-Qorti, konsegwentement trid tistrieh <u>fuq ix-xhieda ta’ Hector Camilleri u d-dokumenti esebiti minnu a fol 22 u fol 23</u>. Minn dawn jirrisulta illi, b’referenza ghax-xoghol specifikat fil-fattura esebita a fol 22, il-Perit John Rizzo Naudi, <u>kien ghamilha cara illi kien ghamel l-ordni relativa f’isem il-konvenut</u> u ghalhekk dan tal-ahhar ghandu jithallas mill-istess konvenut tenut kont li l-istess kontenut ma pproduca l-ebda prova kontrarja. Dwar il-kont a fol 23 li kien jinvolvi diversi “tests” fuq trinek ohrajn sitwati f’diversi postijiet ohrajn madwar Malta, ma irrisultax b’mod car li dan l-inkarigu kien inghata lis-socjeta attrici mill-istess Perit f’isem il-konvenut.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, minhabba dak kollu premess, it-talba attrici tista’ tigi akkolta <u>limitatament ghall-ammont ta’ Lm1262.13</u> bl-imghaxijiet legali, fuq dan l-ammont dekoribbli mid-data tal-fattura relattiva cjoe mit-8 ta’ Marzu 1999.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa’ “in parte” it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta’ Lm1262.13,0 ossija €2939.97 bl-imghax legali dekoribbli mit-8 ta’ Marzu 1999 sad-data tal-pagament effettiv. In rigward <u>l-ispejjes</u>, konsiderati c-cirkostanzi ta’ dan il-kaz li, kif jidher mill-provi jinvolvi

konvenut li difficilment jista' jigi notifikat b'atti (ara x-xhieda tal-istess Hector Camilleri in atti) u li ma tantx jidher li hu propens sabiex jaghmel tajjeb ghall-obbligazzjonijiet assunti minnu dwar pagamenti, il-Qorti tordna li l-ispejjes kollha involuti jithallsu, kollha kemm huma mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------